TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**David Ebejer**

**Vs**

**Pro Concept Ltd (C 39052)**

**CCT 59/24/MM**

**Illum,** 31 ta' Lulju 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-11 ta' Marzu 2024 fejn talab is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000), rappreżentanti prezz imħallas għal kċina mixtrija mingħand is-soċjeta' intimata li allegatament kienet milquta' minn difett stante li l-materjal beda jisfar.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti u korrispondenza bejn il-partijiet.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent qiegħad jitlob is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000), rappreżentanti prezz imħallas għal kċina mixtrija mingħand is-soċjeta' intimata li allegatament kienet milquta' minn difett stante li l-materjal beda jisfar.

Illi s-soċjeta' laqgħat għat-talba billi qalet li t-talbiet kif dedotti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, tant li jirrażentaw il-fieragħ u l-vessatorju, u dan għas-segwenti raġunijiet:

1.Illi preliminarjament, l-attur għandu jirregola ruħu fir-rigward tal-isem tas-soċjeta' imħarrka stante li dan huwa skorrett, b'dan li fin-nuqqas kwalsiasi sentenza li tista tinghata certament li ma tista qatt taghmel stat kontra s-socjeta' esponenti stante li din mhux indikata b'mod korrett.

2.Illi preliminarjament, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, dawk segwenti, u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, l-attrici naqset li tipprezenta nota mid-Direttur ghall-Affarjiet tal-Konsumatur jew minn ghaqda ta' konsumaturi registrata li fiha jigi dikjarat li t-talba tkun ingiebet quddiem id-Direttur jew quddiem ghaqda ta' konsumaturi registrata u li wara dan ma kien intlahaq l-ebda ftehim dwar il-kwistjoni koncernata u dan kif mehtiega skond ir-Regola 3.1. ta' S.L. 378.01. Ghaldaqstant, l-istanza attrici hi wahda nulla u intempestiva, b'dan li l-istess eċċipjenti ma tistax tigi kundannata thallas danni u/jew spejjcz gudizzjarji li jidhru li gew skatentati fil-ghama u bil-ghaġġla fil-konfront tieghu u bla ma gew segwiti d-debiti formalitajiet.

3.Illi preliminarjament, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni attrici u rrita u nulla in kwantu ma gewx osservati l-provvedimenti tal-Artikolu 79 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li sabiex l-attur ikun jista' jikseb ir-rimedju minnu mitlub huwa kellu jibghat interpellazzjoni b' mezz durabbli fi zmien xahrejn minn meta ntebah bin-nuqqas ta' konformita minnu pretiz - haga li l-attur m' ghamlix.

4.Illi preliminarjament, izda minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-eċċezzjonijiet, l-attur ghandu jikkjarifika x'azzjoni huwa qieghed jittanta in kwantu l-avviz huwa wiehed

neboluz u ma jirrizultax liema hu r-rimedju mitlub, b'dan Ii ghalhekk il-prezenti eccipjenti m'għandux il-jedd li thejji difiza effettiva u ghalhekk qieghda tirrizerva li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jigu ccarati l-binarji tal-azzjoni.

5.Illi, preliminarjament, izda minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-eċċezzjonijiet, in kwantu l-istanza attrici tista tinftiehcm Ii hija azzjoni aestimatoria jew redhibitoria, l-azzjoni hija perenta a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6.Illi preiiminarjament, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-oħra, sabiex ikun jista' jinqeda bir-rimedju minnu pretiz l-attur kellu jiddepozita taht l-Awtorita tal-Qorti l-mobbli de quo agitur. Kemm-il darba hu naqas rnilli jaghmel dan, mhux koncess Iilu Ii jipprocedi bl-odjerna azzjoni u dan skond l-insenjamenti kostanti tal-Qrati nostrana.

7.Illi preliminaijament, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ir-rimedju mitlub huwa wiehed sproporzjonat u mhux moghti lill-attur Ii jzomm l-mobbli de quo agitur izda jitlob ukoll rifuzjoni tal-valur kwazi shih tal-istess, b'dan Ii kemm-il darba jsir hekk huwa jkun qieghed jarrikixxi ruhu b'mod indebitu a skapitu tal-eccipjenti.

8.Illi, minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-eccezzjonijiet, ir-rimedju rnitlub huwa wkoll wiehed sproporzjonat in kwantu huwa possibbli ghall-eccipjenti Ii toffri r-rimedji ta' tiswija u/jew rimpjazzar fi zmien ragjonevoli u minghajr inkonvenjenza sinjifikanti a tenur tal-Artikolu 76 ta.l-Kap. 378 tal-Ligijict ta' Malta.

9.Illli ghalkemm I-eccipjenti ssostni Ii ma kien hemm ebda nuqqas ta' konformita materjali fil-mobbli de quo agitur hija xorta wriet il-massima tal-buona fede u ttentat tirrimedja ghal-lanjanzi fiergha tal-attur anki billi offra rimedji Ii kienu jmorru Iii

hinn mill-obbligi taghha skond il-Ligi, b'dan Ii l-attur wera nuqqas ta' kooperazzjoni sabiex jittenta jarrikixxi ruħu indebitament a skapitu tal-eccipjenti.

10.Illi ghalhekk il-pretensjonijiet attrici ghandhom jigu sommarjament michuda.

11.Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

It-Tribunal josserva li permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrent talab li jikkoreġi l-okkju sabiex l-istess okkju tal-Kawza odjerna għandu jigi emendat sabiex jiġi jaqra David Ebejer detentur tal-Karta ta' l-Identita) 609562M, u martu Monica Ebeier detentrici tal-Karta ta' l-Identita 0221866M ta' Solitaire, Triq il-Kav. Giovanni Alentom, Birkirkara BKR 2776, Email davidebejer@gmail.com; Tel: 21482703; Mobile: 79539839 v. Jeffrey Muscat detentur tal-Karta ta' l-Identita 582577M bhala Direttur w in rapprezentanza tas-Socjeta Pro Concept Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C39052, ta' Waterloo Offices, Olaf Gollcher Str., Birkirkara BKR 11200, Email: proconceptmalta@gmail.com; Email: info@livingconceptmalta.com; Tel: 21416661; Mob: 77416661.

Illi minkejja li t-talba kellha ssir b'rikors u mhux b'nota, it-Tribunal sejjer jilqa' t-talba u dan peress li l-istess Soċeta Pro Concept Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C39052 hija bhala ben fatt is-sid tat-Trade Mark magħrufa bħala Living Concepts. Illi jekk wieħed jara d-dokumenti esebiti fl-atti, jinnota li dawn l-ismijiet jintużaw mill-istess soċjeta fuq l-istess dokumenti, letterhead bil-logo etc. Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Paul Previ vs Transport Malta** deċiża fil-5 ta' Ottubru 2018.

It-Tribunal jinnota li fil-mori tal-kawża s-soċjeta' intimata irrinunzjat għat-tieni eċċezzjoni preleminari.

**Ikkunsidrat**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi dwar id-danni, kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-

kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore*". ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell* (subpara. "a"), *ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b"), *ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw* (subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna ...* (subpara "d");

Illi pero' biex dan kollu japplika, il-konsumatur irid l-ewwel jagħti opportunita' lill-bejjiegħ biex jipprovdi rimedju skont il-liġi. Illi fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2025 l-attur xehed in kontro-eżami u qal li ma jiftakarx meta ġiet konsenjata lilu l-għamara iżda jgħid li l-ewwel email li prova jibgħat kienet fl-4 ta' Diċembru 2023. Ir-rikorrenti jgħid *"Nikkonferma Ii l-ewwel email Ii pruvajt nibghat Iii kumpanija kienet datata 4 ta' Dicembru 2023. L-email proconcept@gmail.com gibtu mil-ircevuta Ii tghawni huma stess. Nikkonferma Ii I-email tal-4 ta' Dicembru 2023 jien bghatta f indirizz hazin. Apparti din I-email ma uzajtx mezz ta' komunikazzjoni iehor bil-kitba izda pruvajt incempel."*

Illi għalhekk huwa evidenti li r-rikorrenti naqas li jinnotifika lis-soċjeta' intimata fi żmien xahrejn kif jipprovdi l-Artikolu 79 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li jgħid li sabiex jibbenefika mir-rimedji disponibbli taħt din it-Taqsima, il-konsumatur għandu jinnotifika lill-bejjiegħ fuq mezz durabbli dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità f'perjodu ta' mhux inqas minn xahrejn mid-data li fiha l-konsumatur ikun induna b'tali nuqqas ta' konformità.

Illi għalhekk it-Tribunal qiegħad jilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata.

Illi fid-dawl ta' dan m'hemmx ħtieġa li dan it-Tribunal jiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra.

**Deċiżjoni**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal jastjeni milli jkompli jisma' l-kaz imressaq mir-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**